MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 647/2012

**Kaptan Abdullah Sahin (Passaport Tork Nru U00125958) f'ismu proprio kif ukoll bhala mandatarju specjali ta' Mustafa Dincer (Passaport Tork Nru U01020137) u ta' Mehmed Demir (Passaport Tork Nru U00336113) u bhala mandatarju verbali ta' Saban Sahin (Passaport Tork Nru TRV209720); Recep Aziz Kabakci (Passaport Tork Nru VO7098143); Guram Bejanidze (Passaport Georgian Nru 05AC23383) f'ismu proprio kif ukoll bhala mandatarju specjali ta' Teimuraz Tarieladze (Passaport Georgian Nru 08AI72955)**

**vs**

**MV Irmak registrat fiz-Zanzibar fit-Tanzanija u bin-Numru tal-IMO 7514490**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fuq indikati datat il-25 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu l-istess rikorrenti sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi huma bahhara fuq il-bastiment intimat fuq indikat;

2. Illi huma ilhom diversi xhur ma jithallsu l-pagi ntitolati ghalihom, liema pagi telghu ghall-ammont ta’ mija u hamsa u sittin elf, erba’ mija u hamsa u sebghin Ewro u erbatax –il centezmu, (€165,475.14), sal-31 ta’ Mejju, 2012;

3. Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut;

4. Illi huma talbu wkoll il-hrug ta’ l-opportun mandat kawtelatorju t’arrest ta’ bcejjec tal-bahar kontra l-bastiment fuq indikat;

Ghaldaqstant l-istess rikorrenti talbu lill-Qorti s-segwenti:

1. Illi tisma’ l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12;

2. Illi tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas l-ammont ta’ pagi ndikat aktar qabel;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat fuq indikat u bl-imghaxijiet relattivi, sad-data tal-effettiv pagament, u wkoll b’riserva ghall-azzjonijiet ulterjuri skont il-kaz kif indikat fl-istess rikors promotur;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhud prodott, il-kaptan rikorrenti Abdullah Sahin, li kkonferma r-rikors de quo;

Rat il-verbal tal-10 ta’ Lulju, 2012, li permezz tieghu l-qorti kienet infurmata li ghalkemm saru tentattivi biex jigu kkuntattjati l-armaturi tal-bastiment de quo, dan irrizulta fin-negattiv;

Stante li t-talbiet tar-rikorrenti gew ikkonfermati bix-xhud prodott, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement wara li ordnat is-smiegh tal-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12;

1. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti fuq indikati l-ammont ta' mija u hamsa u sittin elf, erba' mija u hamsa u sebghin Ewro u erbatax –il centezmu, (€165,475.14)), f'pagi dovuti minnu lill-istess rikorrenti sal-31 ta' Mejju, 2012;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat fuq gia` riferit, u bl-imghaxijiet relattivi dovuti skont il-ligi mill-25 ta' Gunju, 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------